**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT69/23/DS**

**Jonathan u Simone Bartolo**

**Vs**

**MBL Garage Door Solutions**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fis-26 t'April, 2023 fejn l-atturi talbu illi jiġi rimborsat l-ammont ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) depożitu li tħallas għal grada li kellha titlesta sal-1 ta' Ġunju, 2022 u baqgħet ma saritx minħabba tortijiet u prokrastinazzjoni attribbwibbli lis-soċjeta' intimata;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ la intavolat risposta u lanqas deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. *Stante* illi ma ġietx ppreżentata risposta s-soċjeta' intimata ġiet meqjusa kontumaċi.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-atturi ordnaw grada fit-2 ta' Mejju, 2022 u ħallsu l-ammont ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) depositu li tħallsu b'ċekk. Din il-grada kellha titlesta sal-1 ta' Gunju, 2022. L-imsemmija grada kellha tiġi installata fuq rampa tal-konkrit skont il-qisien illi jiġu mgħotija l-atturi mill inġinier mibgħut mis-soċjeta' intimata. Meta saret ir-rampa fuq l-imsemmija qisien il-karozza ma setgħetx

tiddaħħal fil-garaxx w'għaldaqstant l-istess rampa kellha tiġi mneħħija. Fuq l-istruzzjonijiet tal-istess inġinier saret rampa ġdida li kellha titneħħa għall-istess raġunijiet. L-ispejjeż kollha tħallsu mill-atturi inkluz il-kiri ta' skip sabiex jitnehha l-konkrit u jintrema. Kien hemm ukoll pajp li minnu kien għaddej l-elettriku li l-atturi kellhom iqabbdu persuna appożita sabiex tbaxxieħ, a spejjeż tagħhom.

Ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata, is-Sur Keith Balzan ġie kkuntattjat u ġie miftiehem illi ser jibgħat persuna sabiex tara x'setgħa jsir. Din il-persuna marret darbtejn fuq il-post u kkonferma illi bid-dislivelli li kien hemm ma setgħa jsir xejn. Huwa qal lill-atturi illi kien jgħid lis-Sur Balzan sabiex jirritorna d-depożitu f'każijiet bħall-dawn għaliex ma kienx possibbli li ssir grada, pero s-Sur Balzan ried illi jmur huwa fuq il-post u nsista dwar dan mal-atturi għalkemm wara sena jipprovaw jikkuntattjawh huwa baqa' ma marx fuq il-post.

L-atturi jsostnu illi minn mindu s-soċjeta' attriċi saret taf illi kienu nfetħu proċeduri quddiem dan it-Tribunal ġew ikkuntattjati sabiex jipprovaw jsalu fi ftehim illi jaċċettaw ammont inferjuri, darba ġew offruti elf u tminn mitt Ewro (€1,800) u darba elfejn Ewro (€2,000) minflok l-ammont sħiħ. Dwar dan ma ntlaħaq l-ebda ftehim.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi s-soċjeta' intimata la ntavolat risposta u lanqas preżentat ruħha permezz ta' rapprezentant tagħha sabiex tippreżenta l-provi tagħha. In fatti fid-dawl ta' dan it-Tribunal sab lill-intimata kontumaċi. F'dawn il-proċeduri għaldaqstant il-verżjoni tal-atturi m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tal-atturi hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi s-soċjeta' intimata kisret il-ftehim illi sar bejha u bejn l-atturi, illi l-imsemmi depożitu ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) ġie mħallas mill-atturi u li l-grada li għaliha għamlu l-imsemmi depożitu baqgħet ma twaħħlitx bl-ebda tort tal-atturi nfushom.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-intimat wara li naqas illi jonora l-ftehim illi għamel mal-atturi, la rrisponda għat-talbiet tal-atturi u lanqas attenda għas-seduti b'diżrispett totali lejn il-klijenti tiegħu kif ukoll lejn dan it-Tribunal. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-atturi illi kellhom jirrikorru għall-proċeduri li finalment wassluhom quddiem dan it-Tribunal u jkun inġust illi dan jgħaddi inosservat.

Finalment it-Tribunal jippuntwalizza illi għalkemm l-atturi qalu li għamlu spejjeż sabiex jagħmlu r-ranep tal-konkrit, ineħħuhom, jarmu kollox fi skip u spejjeż anċillari, it-talba tal-istess atturi hija biss limitata għall-ammont ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) depożitu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw l-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom illi s-soċjeta' intimata tħallas lura d-depożitu ta' elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) hija waħda ġustifikata u għandha tiġi milqugħa. Dan l-ammont għandu jiġi rifuż fi żmien gimgħa minn mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

It-Tribunal finalment jaqta' u jiddeċiedi illi s-soċjeta' intimata għanha tħallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) addizzjonali, fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, f'danni morali għall-inkonvenjent illi ħolqot lill-atturi bl-inadempjenza tal-obbligi tiegħha lejhom, billi r-rappreżentant tagħha giegħlhom għal darba darbtejn jagħmlu rampa a spejjeż tagħhom u jneħħuha a spejjeż tagħhom u xorta l-grada ma setgħetx issir, ħallievhom madwar sena mingħajr l-istess grada kif ukoll bla risposta dwar kif ser tiġi riżolta s-sitwazzjoni u dan minbarra illi jidher biċ-ċar illi r-rappreżentant tagħhha beda jagħmilha diffiċli għalihom sabiex jikkuntattjawh u wara li qalilhom illi huwa xtaq imur fuq il-post ħallihom il-fuq minn sena u dan baqa' m'għamlux u dan kollu wara li l-persuna teknika illi bagħat fuq il-post, skont l-attur, kien qallu, u ma ġie bl-ebda mod kontradett, illi l-grada mhux possibbli ssir w'għaldaqstant id-depożitu għandu jiġi ritornat.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**